# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' April 2018**

**Numru 1**

**Rikors numru 13/18 SM**

**Rosa mizzewga Fenech, Giuseppi u Teresa miżżewġa Mallia, ilkoll aħwa Magri, bħala werrieta tal-mejta Giuseppa armla minn Carmelo Magri u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2011 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria Teresa sive Tessie Mallia għan-nom ta' Nicolina Magri assenti minn dawn il-gżejjer sabiex tkompli l-kawża minflok Joseph Magri li miet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Jane sive Giovanna mart Joseph Cini u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2010 ġie msejjaħ fil-kawza Salvatore Magri u b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2010 l-Avukat Dr. Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Salvatore Magri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenuta prezentat fid-19 ta' Jannar 2018 li permezz tieghu hija talbet li l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din l-istess

Qorti fis-27 ta' Ottubru 2017- u li minnha saret talba ghal ritrattazjoni minnha stess – tigi sospiza sakemm tigi deciza t-talba taghha ghal smigh mill-gdid tal-istess kawza skont l-Artikolu 823 (1) tal-Kap. 12. Fir-rikors tghid ukoll li hija kienet qed taghti garanzija ghall-ispejjez permezz ta' depozitu fir-registru tal-Qorti.

Dan l-artikolu appena msemmi jghid illi:

> "**823.** (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tas-sentenza attakkata.
>
> "(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu(1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' ezekuzzjoni tas-sentenza jekk –
>
> "(*a*) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-ezekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija flartikolu 266(10); u (*b*) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja".

Huwa evidenti li r-rikorrenti qed taghmel din it-talba ai termini tas-subinciz (2) tal-artikolu msemmi. "*L-imsemmi digriet tal-ligi procedurali jissanzjona zewg rekwiziti bazici ghall-akkoljiment tat-talba li tordna it-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni ta' sentenza, u cjoe, (a) l-ghoti ta' garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tassentenza; (b) li l-parti li tippromwovi t-talba tissodisfa lill-qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tkun*

*tikkaguna lill-parti kuntrarja*" (**Palmar Limited v. Victor Ciantar**, Appell Inferjuri 10 ta' Jannar 2003).

L-atturi qed jopponu ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghhom huwa li aktar issir hsara lilhom bid-dewmien tal-ezekuzzjoni milli bis-sospensjoni u li ilhom jistennew hafna snin biex il-kawza tigi deciza.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma kif gej. L-atturi talbu fl-att promotur taghhom biex il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ghamlet xoghlijiet fil-fond mikri lilha minghandhom li ma kienux awtorizzati minnhom u allura talbu li jigi ordnat l-izgombrament taghha mill-istess. Kemm l-ewwel Qorti u kemm il-Qorti tal-Appell tawhom ragun u allura gie stabbilit permezz ta' dawn is-sentenzi illi l-konvenuta ghandha tizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien tlett xhur. Minhabba f'hekk il-konvenuta ppropniet it-talba taghha ghal ritrattazzjoni.

Din il-Qorti tifhem li normalment f'kazijiet simili min ikun se jigi zgombrat permezz tas-sentenza in kwistjoni se jsofri aktar pregudizzju bl-ezekuzzjoni mill-persuna li tkun qed titlob l-izgombrament (vide **Rizzo v. Bezzina**, Appell 10 ta' Jannar 1995) izda ma hemmx dubbju wkoll li l-Qorti gie li addirittura awtorizzat ezegwibbilitá provizorja minhabba certi cirkostanzi – ara per ezempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Waterline Limited v. SJC Catering Limited** (31 ta' Ottubru 2013).

F’dan l-istess kuntest (izda appuntu ta’ ritrattazjoni) il-Qrati esprimew il-veduta wkoll illi “*jekk ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni l-ezekuzzjoni ta’ issa tas-sentenza gja ottenuta timplika zewg zgumbramenti, f’kaz ta’ ezitu favorevoli tar-ritrattazzjoni. Din il-possibilita’ ghandha tigi evitata. Dan dejjem sakemm il-pregudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta’ tehid immedjat ta’ hwejjigha ma jkunx tant gravi li anke diffikolta’ simili trid tigi skartata*” - **George Pavia v. Joseph Micallef**, Appell Civili, 4 ta’ Mejju 1992. Kif qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Chapman v. Mizzi** (12 ta’ Mejju 1950) f’kazi bhal dawn, il-legislatur ta certa diskrezzjoni lill-Qorti biex tiddeciedi f’dawn it-tip ta’ talbiet u din il-Qorti hija tal-fehma Ii fid-dawl ta’ dak li ssemma aktar qabel it-talba tar-rikorrenti konvenuta ghandha tintlaqa’ ghaliex huwa car li f’kaz ta’ akkoljiment tat-talba tar-ritrattazzjoni anke s-sitwazzjoni tal-atturi ssir difficli.

Madankollu fl-istess hin il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti illi l-fatt li matul il-kors tal-kawza hija ddepozitat il-kirja dovuta l-Qorti u li mar-rikors in kwistjoni ddepozitat ammont li jkopri l-ispejjez tal-appell (in aggunta mal-kawtela li kienet iddepozitat biex seta’ jinstema’ l-appell) ifisser li ggarantiet l-ispejjez kif jimponi l-Artikolu 823 (2) (a) fuq imsemmi. Infatti l-hlas tal-kera (jew kumpens skont il-kaz) se jkun dovut independentement mill-ezitu tat-talba ghas-smigh mill-gdid tal-kawza.

Ghalhekk se tordnalha biex in aggunta ghal dan, hija taghmel depositu ulterjuri tas-somma ta' 17,000 Euros fi zmien ghoxrin gurnata mil-lum.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tilqghu u ghalhekk tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni purche` r-rittrattandi tiddepozita in garanzija kif imsemmi s-somma ta' 17,000 Euros taht l-awtoritá ta' din il-Qorti, fi zmien ghoxrin gurnata mil-lum. Spejjez ta' din il-procedura riservata ghall-gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb